MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-9 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 899/2001/1

**Jessie Fabri, Emanuel Duca, Carmela Vidal, Charles Duca, Doris Spiteri, Mary Buttigieg, Jason Carabott u Rita Carabott fil-kapaċità tagħhom bħala l-leġittimi eredi tad-*de cuius* Filomena Duca**

***Versus***

**Concetta *sive* Connie Agius**

Din il-kawża hija dwar qsim ta' wirt.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi Giuseppe u Marianna Duca, illum mejta, kienu għamlu testment *unica charta* fis-17 ta' Novembru 1970 fl-atti tan-Nutar Giuseppe Sammut, u testment ieħor, *unica charta* wkoll, fit-8 ta' Ġunju 1972 fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone. Bis-saħħa ta' dawk it-testmenti t-testaturi kienu ħatru lil uliedhom kollha — il-partijiet fil-kawża tallum — bħala werrieta tagħhom f'sehem wieħed minn tmienja (${}^{1}/8$) kull wieħed u waħda.

Il-konvenuta kienet tieħu ċ-*cheque* tal-pensjoni ta' Giuseppe Duca u tqiegħed il-flus f'isimha f'kont bankarju

tagħha. Ħadet ukoll ħwejjeġ ta’ valur mid-dar fejn kien joqgħod Giuseppe Duca.

Billi qegħdin igħidu illi l-flus u l-ħwejjeġ ta’ valur kienu parti mill-wirt, li għadu ma nqasamx, ta’ Giuseppe u Marianna Duca, u għalxejn sejħu lill-konvenuta biex taqsam magħhom dawn il-flus u ħwejjeġ ta’ valur, il-konvenuti fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

1. tgħid illi l-flus u l-ħwejjeġ fuq imsemmija huma tal-wirt ta’ Giuseppe u Marianna Duca, wara illi, jekk ikun meħtieġ, tgħid illi l-konvenuta approprjat ruħha minnhom bla jedd;
2. tordna l-qsim tal-wirt ta’ Giuseppe u Marianna Duca; u
3. tassenja lil kull wieħed u waħda mill-werrieta sehem wieħed minn tmienja ($^{1}/8$) mill-wirt.

Qegħdin jitolbu wkoll l-ispejjeż tal-kawża.

Il-konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. ma għandha xejn tal-wirt, u l-kont bankarju huwa tagħha għax lil missierha kienet tagħtih il-valur taċ-*cheque* u, jekk missierha taha xi ħaġa, dan kien jagħmlu għax kienet iddur bih;
2. l-attriċi Carmela Vidal ħadet is-somma ta’ elfejn u tmien mitt lira (Lm2,800) mingħajr ebda raġuni, u għalhekk għandha troddha fil-massa tal-wirt;
3. xi ħwejjeġ mobbli kien tahomlha missierha, u l-atturi qasmu bejniethom ħafna ħwejjeġ mobbli li ma kien tahomlhom ħadd; u
4. il-konvenuta ma hijiex kontra li jinqasam dak li jista’ jinqasam, iżda tiċħad illi hija ħadet xi ħaġa tal-wirt, u għalhekk ma għandha trodd xejn.

Waqt is-seduta tal-5 ta’ Novembru 2002[1] l-atturi irrinunzjaw għat-talba għall-ħwejjeġ l-oħra tal-wirt ħlief għall-flus, u żammew biss għalhekk it-talba dwar il-qsim tal-flus. Dakinhar fissru wkoll illi l-prelegati mħollija fit-testment ma humiex meritu tal-kawża.

Il-kwistjoni f’din il-kawża hija jekk flus tal-pensjoni u mgħaxijiet li kien idaħħal Giuseppe Duca, awtur tal-partijiet, u illi l-konvenuta kienet tqiegħed f’kont f’isimha, humiex tal-wirt jew tal-konvenuta. Ma hemmx kontestazzjoni dwar l-ishma tal-partijiet fil-wirt.

---

[1] *Fol*. 20.

Il-konvenuta tgħid illi Giuseppe Duca dwar dawn il-flus kien igħidilha "qegħedhomli l-bank, ħudli ħsieb xi jkolli bżonn anke wara mewti" u, dak li jifdal, "ħudhom int"[2].

Giuseppe Duca ma setax, b'dawn il-kliem, iħalli dak li kien fadal mill-flus wara mewtu lill-konvenuta, għax, skond l-art. 586 tal-Kodiċi Ċivili, "ħadd ma jista' jiddisponi la mill-wirt, kollu jew biċċa minnu, u lanqas minn somom ta' flus jew minn ħwejjeġ partikolari oħra li jkunu jappartjenu lill-wirt, ħlief b'testment". Lanqas ma kienet tiswa donazzjoni ta' dawn il-flus magħmula matul ħajtu għax, skond l-art 1753 tal-Kodiċi Ċivili, donazzjoni ma tiswiex jekk ma ssirx b'att pubbliku, ladarba, kif sejrin naraw, is-somma ma kinitx waħda żgħira.

Il-konvenuta għandha għalhekk trodd dak li fadal mill-flus ta' missierha lill-wirt.

Il-kwistjoni issa hi jekk is-somma li kienet depożitata mill-konvenuta fil-kont fil-bank hijiex il-flus kollha li ħadet ta' Giuseppe Duca, u għalhekk qabel ma trodd lill-wirt il-konvenuta għandha tnaqqas l-ispejjeż li għamlet fl-interess tiegħu, jew is-somma hijiex dak li fadal wara li ġà tnaqqsu dawk l-ispejjeż, u għalhekk għandha tintradd kollha.

Dwar dan, il-konvenuta tat tliet verżjonijiet:

1. kienet tiddepożita ċ-*cheque* fil-kont u lil Giuseppe kienet tagħtih "il-valur ta' l-istess *cheque*", kif tgħid l-ewwel eċċezzjoni;

2. kienet issarraf iċ-*cheque*, tonfoq il-bżonnijiet mill-flus li ssarraf, u tqiegħed il-bqija fil-bank, kif xehdet kemm fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2001[3] u kif ukoll fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2004[4]; u

3. kienet tiddepożita ċ-*cheque* kollu fil-kont, u tonfoq il-bżonnijiet mhux minn dawk il-flus iżda minn butha, kif xehdet fl-istess seduta tal-5 ta' Marzu 2004[5], lejn tmiem id-depożizzjoni tagħha.

Quddiem dawn il-verżjonijiet konfliġġenti mogħtija mill-konvenuta, il-qorti ma tarax kif tista' toqgħod fuq ix-xhieda tagħha. L-aħjar xhieda fiċ-ċirkostanzi setgħet tkun il-ktieb

---

[2] Ara x-xhieda tal-konvenuta fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2001, *fol*. 55.

[3] *Fol*. 59.

[4] *Fol*. 112.

[5] *Fol*. 115.

tal-kont ta' tifdil (*savings*) numru 13405363041, fejn kienu jitqiegħdu l-flus. Waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru 2001 il-qorti stiednet lill-konvenuta tipproduċi dan il-ktieb[6], iżda l-konvenuta ma għamlitx dak li talbitha l-qorti. Dan il-fatt ukoll huwa indikattiv: li kieku dan il-ktieb kien jiffavorixxi t-teżi vantaġġjuża għall-konvenuta, x'aktarx illi kienet tipproduċih,

Il-qorti għalhekk ma tistax ħlief tasal għall-konklużjoni anqas favorevoli għall-konvenuta, illi l-bilanċ fil-kontijiet tal-bank huwa dak li fadal wara li ġà tnaqqsu l-ispejjeż li saru fl-interess ta' l-awtur tal-partijiet, u għalhekk ma għandu jsir ebda tnaqqis ieħor. Fi kliem ieħor, il-bilanċ huwa kollu tal-wirt.

Mix-xhieda ħareġ illi l-konvenuta kienet tqiegħed il-flus f'żewġ kontijiet: depożitu marbut għal sena (*fixed time deposit*), numru 13405363038, li meta għalqitu l-konvenuta kellu bilanċ ta' sitt elef, erba' mija u erbgħa u disgħin lira u sitta u tletin ċenteżmu (Lm6,494.36), u kont ta' tifdil (*savings*) li wkoll ingħalaq mill-konvenuta iżda ma nġiebet ebda prova dwar x'kien il-bilanċ qabel ma ngħalaq il-kont.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hekk taqta' din il-kawża:

1. tilqa' l-ewwel talba billi tgħid illi l-bilanċ fid-depożitu numru 13405363083 u fil-kont ta' tifdil numru 13405363041 minnufih qabel ma dawk il-kontijiet ingħalqu mill-konvenuta huma tal-wirt ta' Giuseppe u Marianna Duca; għalhekk il-konvenuta ma għandhiex jedd iżżomm dawk il-flus għaliha u għandha troddhom kollha lill-wirt sabiex jinqasmu;
2. tilqa' t-tieni talba billi tordna illi s-somma tal-bilanċ taż-żewġ kontijiet tinqasam fi tmien ishma ndaqs; u
3. tassenja lil kull wieħed u waħda mill-ulied ta' Giuseppe u Marianna Duca, jew ir-rappreżentanti ta' dawk fost l-ulied li huma mejtin, flok l-awtur jew awtriċi tagħhom, sehem wieħed minn tmienja ($^{1}/8$) mill-wirt.

L-ispejjeż tal-kawża għandha tħallashom il-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

[6] *Fol.* 64.

---------------------------------TMIEM---------------------------------